Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Numru 435/2002

**Pulizija**
**Spettur David Saliba**

**Vs**

**Leslie Muscat**
**Mario Xuereb**
**Albert Fenech**

**Illum 21 ta' Ottubru 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Leslie Muscat ta’ 33 sena bin Carmelo u Philippa nee’ Grech imwieled Attard nhar it-13 ta’ Frar 1969 u li joqghod Plot 21 Mellieha Heights, Mellieha, bin-numru tal-karta tal-identita’ numru 122969 M;

U kontra Mario Xuereb ta’ 37 sena bin John Mary u Victoria nee’ Vella imwieled Mellieha nhar l-10 ta’ Marzu, 1965 u li joqghod 101/c Triq il-Gdida, Mellieha bin-numru tal-identita’ 155265 M;

U kontra Albert Fenech ta’ 36 sena bin Carmel u Maria Dolores nee’ Zammit, imwieled Attard, nhar l-24 ta’ Awissu, 1965 u li joqghod 63, Triq Toni Pace ta’ L-Ibragg, Mellieha, bin-numru tal-Identita’ 459965M;

Talli fit-8 ta’ Marzu fis-sena 2000 f’dawn il-gzejjer, il-persuni hawn fuq imsemmija, bil-koperazzjoni ta’ xulxin u ta’ persuni ohra mhux maghrufa, bil-hsieb li jiffrodaw il-Gvern ta’ Malta xjentement kellhom b’xi mod x’jaqsmu fil-garr, twarrib, depozitu jew ta’ habi ta’ kwantita’ ta’ sigaretti bla dazju, kif jidher hawn that:

- 11 il-kaxxa b’50 kartuna b’200 sigarett f’kull kartuna tal-marka Rothmans Blue u kaxxa b’49 kartuna b’200 sigarett f’kull kartuna tal-marka Rothmans Blue.

Dawn is-sigaretti li nqabdu bin-nota ta’ Qbid numru 22/2001 u li ghandhom valur totali ta’ Lm1347.75 u dazju tas-sisa totali ta’ Lm3414.30,0 liema dazju tas-sisa ma’ giex imhallas u/jew kawtelat.

L-imsemmija sigaretti nstabu wara intervent mill-ufficjal tal-Forzi Armati ta’ Malta u tal-Pulizija.  Filfatt parti mis-sigaretti instabu fuq l-ispeedboat bin-numru tar-registrazzjoni S11310, parti fuq il-moll hdejn l-ispeedboat u l-kumplament f’garaxx il-Mellieha.

L-ispeedboat S1310 kif ukoll outboard engine Yamaha 140HP (seriel number L 520205 u zewg vetturi bin-numru tar-registrazzjoni ABF 958 (Vauxhall Corsa) u CAB 678 tal-ghamla Mazda li xjentement sar uzu minnhom fl-izbark, jew twarrib, jew fil-garr ta’ oggetti li d-dazju fuqhom ma kienx imhallas gew maqbud bin-nota ta’ qbid nru. 23/2001 bin-nota ta’ Qbid numru 22/2001 bin-nota ta’ Qbid numru 24/2001 bin-nota ta’ Qbid 25/2001 rispettivament.

Ukoll kontra Leslie Muscat wahdu talli fid-data fuq imsemmija u f’xi data qabel kellu ukoll fil-pussess tieghu zewg kartuniet sigaretti tal-marka Rothmans b’mitejn sigarett f’kull kartuna, seba’ pakketti sigaretti ta’ l-

istess marka b’ghoxrin sigarett f’kull kartuna pakkett b’zewg sigaretti ta’ l-istess marka kollha bla dazju liema sigaretti nstabu f’Zefferino Restaurant, Mellieha u gew maqbuda bin-nota ta’ Qbid numru 26/2001.

Is-sigaretti fuq imsemmija ghandhom valur ta’ Lm6.30 u dazju tas-sisa Lm15.96 liema dazju tas-sisa ma giex imhallas u/jew kawtelat

Ukoll talli, fit-8 ta’ Marzu 2000, f’dawn il-gzejjer, il-persuni hawn fuq imsemmija bil-kooperazzjoni ta’ xulxin u ta’ persuni ohra mhux maghrufa, bil-hsieb li jiffrodaw il-Gvern ta’ Malta xjentement kellha fil-b’xi mod x’jaqsmu fil-garr,

twarrib, depozitu jew habi ta’ kwantita’ ta’ sigaretti bla dazju, kif jidher hawn that:

- 11 il-kaxxa b’50 kartuna b’200 sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue, u kaxxa b’49 kartuna b’200 sigarett f’kull kartuna ta’ l-istess marka.

Dawn is-sigaretti li nqabdu bin-nota ta’ Qbid Nru. 22/2001 u ghandhom valur totali ta’ Lm1347.75 u dazju tas-sisa totali ta’ Lm3414.30 liema dazju tas-sisa ma giex imhallas u/jew kawtelat.

Lil Leslie Muscat wahdu talli fid-data msemmija u f’xi data qabel kellu wkoll fil-pussess tieghu, 2 kartuniet sigaretti tal-marka Rothmans b’mitejn sigarett f’kull kartuna, seba’ pakketti sigaretti ta’ l-istess marka kollha bla dazju,b’valur ta’ Lm6.30 u dazju tas-sisa Lm15.96 liema dazju tas-sisa ma’ giex imhallas u/jew kawtelat.

Dawn l-oggetti li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta ghandhom valur totali ta’ Lm4784.31 u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm717.64c6, liema taxxa ma’ gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Fl-ahhar nett, lil Leslie Muscat, Mario Xuereb u Albert Fenech, huma ricedivi b’diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma definittivi u li

ma jistghux jigu mhassra ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Ligijiet ta’ Malta, Kap 9.

Wara illi rat l-Artikoli 60 a b c e (k), 62 a b c e f g h I k, 68 (1), 69 (1)(2) paragrafu (a) tal-Proviso tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-dwana Kap 37 u l-artikolu 16 j (1) u 17 a b ta’ l-att XVI ta’ 1995 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 80 ta’ l-

att dwar Taxxa fuq il-valur mizjud (Att. Nru XXIII ta’ l-1998, u l-artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta’ Malta, Kap 9;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputati kollha, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssibhom ilkoll hatja ta’ kif akkuzati mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda a tenur tal-artikolu 28A, tikkundannahom ghal terminu ta’ sena (1) prigunerija, izda tordna illi din il-piena ma’ tibdix issehh, hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) mil-lum, l-imputati jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Din il-Qorti qeghda tordna l-konfiska ta’ kull oggett ezebit u fuq suggeriment tal-partijiet, il-Qorti qeghda tissuggerixxi illi dawn is-sigaretti hekk konfiskati jigu mghoddija lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jitqassmu mal-Immigranti Klandestini li bhalissa qeghdin that id-detenzjoni ta’ l-istess pulizija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------